# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.9

Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.

Lezzjoni:1.9 San Franġisk

L-Għanijiet:

L-istudenti:



1. Jiftakru kif Alla ħalaq id-dinja
   u l-annimali differenti li hemm fiha.
2. Jiftakru li Alla jieħu ħsieb dawn l-annimali
   li ħalaq huwa stess.
3. Isiru jafu min hu San Franġisk.
5. Jifhmu li bħal San Franġisk iridu jħobbu u japprezzaw in-natura u l-annimali li ħalaq Alla.
6. Jitgħallmu jgħidu 'grazzi' lil Alla tal-annimali kollha li ħalaq hu bħalma kien jagħmel San Franġisk.

Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- stampi ta' San Franġisk u l-ħajja tiegħu

  (ppt 1.9 - Il-ħajja ta' San Franġisk)

http://www.euroclubschools.co.uk/page52.htm)

- *Karta ta' Taħriġ 1.5/ Karta ta' Taħriġ Addizjonali e*

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Fakkar lit-tfal li Alla ħalaq l-annimali kollha biex għamel id-dinja iktar sabiħa. Alla jieħu ħsieb l-annimali li ħalaq imma jridna ngħinuh. Għalhekk bagħat nies bħal San Franġisk biex jgħallimuna nirrispettaw in-natura, nibżgħu għaliha u nieħdu ħsieb l-annimali wkoll.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- **Irrakkonta min kien San Franġisk** [*slide* 1]**:**
  - Ħafna żmien ilu kien hemm wieħed tifel jismu Francesco. Kien it-tifel il-kbir tal-familja Bernardone, li kienet familja sinjura f'Assisi fl-Italja [*slide* 2].
  - Meta kiber ftit Francesco kien jilbes ħwejjeġ sbieħ ħafna u kien jgħin lill-missieru jbigħ id-drappijiet lin-nies is-sinjuri. Kien ukoll suldat [*slide* 3].
  - Lejl minnhom kif kien liebes il-korazza biex imur għall-gwerra fuq iż-żiemel, Francesco ħassu ma jiflaħx ħafna u ma setax ikompli t-triq tiegħu. Dak il-lejl waqaf jistrieħ u fil-ħolm tiegħu kellmu Alla. Qallu, 'Francesco, ibni l-knisja tiegħi!' Francesco nduna li Alla ma ridux imur għall-gwerra. Induna li għalxejn kellu ħwejjeġ tas-sinjuri għax biex iħobb lil Alla ried ikollu qalbu tajba biex iħobb lill-oħrajn.
  - Għalhekk Francesco mar lura Assisi [*slide* 4], ta l-ħwejjeġ tiegħu lil wieħed raġel fqir u libes xkora kannella u ħabel ma' qaddu bħala ċintorin. Francesco mar fl-għelieqi fejn kien hemm kappella imwaqqa' u beda jirranġaha [*slide* 5].
  - Ftit ftit bdew ġejjin iktar nies jgħinu lil Francesco [*slide* 6].
  - Francesco beda jgħallimhom kif jgħixu ta' nies foqra u jħobbu iktar lil Alla u lil xulxin. Francesco rnexxielu jlesti l-kappella [*slide* 7].

- Meta kien ikun fl-għelieqi Francesco kien iħobb iħares madwaru [*slide* 8].
- Kien iħares lejn ix-xemx [*slide* 9] u jirringrazzja lil Alla li tana x-xemx biex isaħħanna u kien jgħidilha 'Oħti x-xemx!'. Bil-lejl kien ikellem lill-qamar u jgħidlu 'Ħija l-qamar!'. Kull ħaġa li jara madwaru kien isejħilha 'oħti' jew 'ħija'... ħija r-riħ, ħija n-nar, oħti s-siġra, oħti l-fjura. Kien jirringrazzja u jfaħħar lil Alla l-ħin kollu għal dawn l-affarijiet sbieħ.
- Imma Francesco kien iħobb ħafna l-annimali [*slide* 10].
- Għalhekk, madwaru, Francesco kien ikollu ħafna annimali [*slide* 11]. Dawn donnhom kienu jafu li Francesco kien iħobbhom. Kienu joqogħdu ħdejh jisimgħuh jitkellem fuq Alla. Francesco kien ikellem lill-għasafar, lill-ħut u anka lid-dud! Francesco baqa' dejjem ifaħħar lil Alla.
- Meta miet Francesco tela' l-ġenna u għalhekk illum nafuh bħala San Franġisk. Il-festa tiegħu tkun fl-4 ta' Ottubru [*slide* 12].

(Għal iktar dettall tista' tfittex il-ħajja ta' San Franġisk minn fuq l-internet jew ara: http://www.euroclubschools.co.uk/page52.htm)

Aħna wkoll irridu nagħmlu bħal San Franġisk. Kif se nimitawh?

❖ Staqsi lit-tfal u oħloq diskussjoni:
  - Lil min kien iħobb San Franġisk?
  - X'kien jagħmel meta jara x-xemx, l-istilel, il-fjuri, eċċ?
  - X'kien jagħmel meta jara l-annimali?
  - Jekk jiena nara n-nemel mal-art għandi noqtolhom?
  - Meta ngħaddi mill-ġnien, għandi nirfes il-ħaxix jew għandi ngħaddi mill-passaġġ?
  - Nista' noqgħod naqta' l-fjuri mill-ġnien biex nieħu gost?
  - X'għandi nagħmel meta nara xi ġnien sabiħ?

Aħdem *Karta ta' Taħriġ 1.5.*

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla ħalaq l-annimali kollha li nsibu fid-dinja u jridna nieħdu ħsiebhom.
2. Alla bagħat lil San Franġisk biex jgħallimna nieħdu ħsieb u nħobbu l-annimali.
3. San Franġisk kien iħobb ħafna lin-natura u l-annimali ta' madwaru.
4. Hu kien ifaħħar lil Alla u jirringrazzjah il-ħin kollu.
5. Bħal San Franġisk aħna wkoll irridu nħobbu l-annimali, nieħdu ħsiebhom u nirringrazzjaw u nfaħħru lil Alla.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Niftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Bħal San Franġisk għandna nifirħu u nirringrazzjawh tan-natura u l-annimali sbieħ li naraw fid-dinja. Għandna wkoll nirrispettawhom u nieħdu ħsiebhom.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Inkantaw flimkien l-innu**
**'Ngħidu Grazzi lill-Mulej':**



*Ngħidu grazzi lill-Mulej*
*Ngħidu grazzi*
*Ngħidu grazzi lill-Mulej*   *(x2)*

Ta' kull filgħodu l-għasafar jgħannu
it-tifħir tagħhom lil Kristu s-Salvatur.   (x2)

*Ngħidu grazzi lill-Mulej...*

Ta' kull flgħaxija l-fjuri jgħannu
it-tifħir tagħhom lil Kristu s-Salvatur.   (x2)

*Ngħidu grazzi lill-Mulej...*

U għal kull lejla s-smewwiet jgħannu
it-tifħir tagħhom lil Kristu s-Salvatur.   (x2)

*Ngħidu grazzi lill-Mulej...*

**Nitolbu**



Għażiż San Franġisk, inti kont tħobb in-natura
u l-annimali kollha. Għalik kienu 'oħtok' u 'ħuk'.
Għinna biex nagħmlu bħalek u nħobbu u nieħdu
ħsieb in-natura u l-annimali ta' madwarna.
San Franġisk, ħu ħsieb il-*pet* tiegħi u żommu b'saħħtu.
Ammen!